MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tal-31 ta' Jannar, 2011

Numru 556/2008

**Il-Pulizija**
**(Spettur Maurice Curmi)**

**vs**

**EUGENIO GAFFARENA**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Eugenio Gaffarena ta' 49 sena bin John u Micheline nee' Mifsud imwieled Mqabba fil-5 ta' Dicembru, 1958 u joqghod 24 Triq il-Murselli Mqabba, detentur tal-karta ta' l- identita' numru 779658(M).

Billi gie akkuzat talli bejn f'Gunju 2008 f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess disposizzjojnijiet tal-ligi u li gew maghmula

b'rizoluzzjoni wahda, b'mezzi kontra il-ligi jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz jew ta kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza dwar grajja kimerika, ghamel qligh ta aktar minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37), ghad-dannu ta' Joseph Azzopardi ID 386443(M), ai termini ta' l-artikoli 18, 308, 309 u 310 tal-Kodici Kriminali, Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

U aktar talli fl-istess zmien, lok u cirkostanzi ha f'idejh funzjoni pubblika u cioe' ufficjal tal-MEPA, minghajr ma kellu jedd ghaliha, u ezercita att ta' dik il-funzjoni, ai termini ta' l-artikolu 84 tal-Kodici Kriminali, Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Aktar talli sar recidiv b'diversi sentenzi moghtija mil-Qorti tal-Magistrati (Malta) liema sentenzi huma definittivi u ma jistghux jigu mibdula, ai terminu ta' l-artikoli 49 u 50 tal-Kodici Kriminali, Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta

Il-Qorti giet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-Ligi, tordna lill-imputat sabiex ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti, ai termini tal-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali, Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet provi.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat l-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali bin-Nota ta' Rinviju datata 1 ta' Gunju, 2010 u nnutat li l-imputat m'ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li fis-Seduta tallum l-imputat iddikjara li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat wiegeb li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta tallum Dr. Jose’ Herrera ghall-imputat iddikjara li l-imputat diga’ hallas parti sostanzjali tas-somma dovuta lill-parte civile Joseph Azzopardi rigwardanti dan il-kaz u inoltre iddikjara li hemm arrangament mal-istess parte civile dwar il-bilanc dovut lill-istess parte civile.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-artikoli 17, 18, 49, 50, 84, 308, 309, 310(1) (a) u 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Issib lill-imputat Eugenio Gaffarena, fuq ammissjoni, hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluzi minn naha wahda dak dikjarat minn Dr. Jose’ Herrera ghall-imputat fil-Verbal tas-Seduta tallum kif riportat aktar qabel f’din is-Sentenza u minn naha l-ohra l-fedina penali xejn felici tal-imputat tikkundanna lill-imputat Eugenio Gaffarena ghall-piena komplessiva ta’ dsatax (19) il-xahar prigunerija.

Inoltre il-Qorti, bl-applikazzjoni tal-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, tordna lill-imputat Eugenio Gaffarena sabiex fi zmien xahar millum ihallas lir-Registratur tal-Qrati is-somma ta’ mitejn u sitta u sittin Euro u sitta u sittin centezmi ta’ Euro (Euro 266.66) rappresentanti l-ispejjes inkorsi f’din il-kawza bil-hatra tal-espert Martin Bajada f’din il-kawza.

Inoltre il-Qorti, bl-applikazzjoni tal-artikolu 23 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, tordna il-konfiska tal-oggett esebit bhala Dok TAS 1.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------